# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Lulju, 2024**

**Numru 28**

**Rikors Numru 460/24TA**

**Clint Camilleri (ID 209084M) u Jedienne Camilleri (ID 467486M)**

**Vs**

**IAS Limited (C 12202)**

**Kevin sive Kevin John Zammit (ID 305169M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Clint Camilleri u Jedienne Camilleri (l-Atturi) li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

(1) "Illi permezz ta' permezz ta' konvenju tal- 20 ta' Dicembru 2021 redatt minn Nutar Sharon Faith Farrugia li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. DB1 l-intimata IAS Limited obbligat ruhha illi tbieghh lill-esponenti li obbligaw ruhhom illi jakkwistaw il-fond 3, Eagle Court, Triq Brighella, Hamrun u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm miftiehma.

(2) Illi dan il-konvenju kien gie debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u kien validu sal-31 ta' Marzu 2024 kif jirrizulta mil-

estensjonijiet u l-ircevuti hawn annessi u mmarkatoi Dok DB2 sa DB7.

(3) Illi l-esponenti gia hallsu akkont tal-prezz tal-bejgh s-somma ta' €97,646.64 u dan permezz ta' xogholijiet maghmula mil-esponenti fil-proprjeta in kwistjoni, u dan kif jirrizulta mil-konvenju u t-tigdid annessi ma dan r-rikors.

(4) Illi l-intimat Kevin sive Kevin John Zammit fl-ahhar tigdida tal-konvenju kien obliga ruhhu illi jekk l-att ta' bejgh finali ma ssirx ghal kwalunkwe raguni huwa ikun garanti tas-somma imhallsa akkont.

(5) Illi l-kuntratt ta' bejgh finali ma sarx minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimati, ossija il-fatt illi l-izvilupp in kwistjoni ghadu sal-illum mhux lest u ilu ma ssir progress fl-istess zvilupp ghall-diversi xhur

(6) Illi permezz ta' ittra ufficjali li kopja taghha qeghda hawn annessa u mmarkata Dok DB8 l-esponenti kien interpella lill-intimati sabiex ihallsuh s-somma ta' €97,646.64 gia la darba l-kuntratt ta' bejgh finali ma setax issir entro l-iskadenza tal-konvenju minhabba raunijiet imputabbli lilhom.

(7) Ill ghalhekk l-intimati huma debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' €97,646.64 oltre l-imghax liema dejn huwa cert likwidu u dovut

(8) Illi sa fejn jafu l-esponenti l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddisponi mill-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(9) Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment u qieghed jikkonfermahom bil-gurament tieghu Clint Camilleri.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi l-intimati huma debitur tar-rikorrenti ghas-somma ta' €97,646.64 oltre l-imghax legali.

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti is-somma ta' €97,646.64 oltre l-imghax legali.

> Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 737/2024 u bl-ingunzjoni ta' l-intimati għas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' Kevin Zammit f'ismu proprio u għan-nom ta' IAS Ltd (il-konvenuti) li biha ġiet irreġistrata ammissjoni.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Ikkunsidrat**

Fid-dawl tan-nota ta' ammissjoni fuq imsemmija l-Qorti ma għandha ebda triq ħlief li tilqa' t-talbiet Attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi stante li hija eżawrita.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-Atturi fis-somma ta' sebgħa u disgħin elf, sitt mija u sitta u erbgħin punt erbgħa u sittin ewro (€97,646.64).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-Atturi s-somma ta' sebgħa u disgħin elf, sitt mija u sitta u erbgħin punt erbgħa u sittin ewro (€97,646.64) bl-imgħaxijiet legali mid-29 ta' April 2024 sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**